**1 ta' April, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Carmela Pullicino et.

*versus*

Nutar Oscar Azzopardi et.

**Nutar — Danni — Personifikazzjoni — Eskussjoni — Art. 26 u 28 tal-Kap. 92.**

*Il-liġi hi ċara u kategorika filli teżiġi illi n-nutar li jkun ser jippubblika att ikun personalment żgur mill-identità tal-partijiet. Jekk dan ma jkunx il-każ, allura l-uniku mod kontemplat mil-liġi li bih huwa jkun jista' jaċċerta ruħu minn dik l-identità, hu per mezz ta' żewġ "fidem facientes" minnu magħrufa. Dan hu obligu preċiż u gravi, imqiegħed fuq in-nutar personalment, li ma jistgħax jaħrab minnu taħt ebda pretest billi jistrieħ fuq ħadd ieħor; u per mezz tiegħu l-liġi tirrendi lin-nutar garanti tal-identità tal-partijiet. U xejn ma jiswa li fil-prattika xi nutari ma josservawx dan l-obligu; għax il-liġi ma titlef xejn mis-saħħa tagħha billi ħafna jiksruha jew ma jagħtux każ tagħha. Għaldaqstant, jekk f'kuntratt ta' self tavvera ruħha l-personifikazzjoni tal-mutwartarju, billi minflok il-persuna li kellha tidħer biex tissellef il-flus jidher ħadd ieħor minflokha, u n-nutar jiddikjara fil-kuntratt li dik il-persuna li dehret hija dik li tagħha jitniżżlu l-partikularitajiet fil-kuntratt relattiv għall-persuna li kellha tidher, u minħabba f'din il-personifikazzjoni l-mutwant isofri dannu għax il-persuna li dehret u ħadet il-flus mhix solvibbli, u l-mutwant ma għandux mnejn jitħallas minn għand dik il-persuna, in-nutar hu responsabbli għal dan id-dannu.*

*Jekk jirriżulta li l-persuna li għamlet il-personifikazzjoni hija insolvibbli, l-azzjoni tal-mutwant kontra n-nutar għad-danni mhix intempestiva, u mhuwiex il-każ li l-ewwel il-mutwant jipprova li dak li deher bħala mutwatarju huwa*

*insolvibbli u li hu ma jistgħax jitħallas minn għandu, imma għandha tiġi dikjarata r-responsabbiltà tan-nutar għad-danni mingħajr ma din il-kundanna tiġi mħollija għal meta ssir dik il-prova. Jekk in-nutar jidhirlu, hu dmir tiegħu li jipprova li l-mutwatarju li għamel il-personifikazzjoni fis-ta' jħallas.*

*Din mhix kwistjoni ta' eskussjoni; imma b'analoġija jista' jiġi adottat il-prinċipju ġenerali stabbilit għall-obligazzjonijiet sussidjarji fis-sens illi, fin-nuqqas ta' preċedenti azzjoni kontra d-debitur prinċipali, mhix ammissibbli din l-eċċezzjoni kontra t-talba tal-kreditur għall-ħlas meta d-debitur prinċipali hu notorjament insolvibbli, jew meta fl-istess ġudizzju tista' tiġi pruvata l-insolvenza tiegħu.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi, wara li ppremettew illi bi tliet kuntratti pubblikati minn nutar konvenut fl-20 ta' Frar, fil-25 ta' Lulju u fid-29 ta' Awissu, 1952 (dok. A.B.C.), huma silfu, nofs kull wieħed, l-ammonti ndikati f'dawk il-kuntratti, ammontanti komplessivament għal £380, lil Salvatore Axisa, u dan bil-parir ta' Dr. Cauchi; u illi in segwitu rriżulta illi l-persuna li deħret fuq dak l-att bħala mutwatarju, u li l-konvenut Nutar Oscar Azzopardi ddikjara li kienet minnu magħrufa, ma kienetx Salvatore Axisa, imma Calcedonio Farrugia, f'liema tliet kuntratti l-konvenut l-ieħor, li kien ikkonsulta dawk il-mutwi, ħa wkoll parti bħala xhud, u tnejn minnhom ġew pubblikati fl-uffiċċju tal-istess konvenut; u illi huma ma jistgħux jeżiġu minn għand Salvatore Axisa l-ammont li hu dovut; talbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet opportuni u mogħtija l-provvedimenti neċessarji, il-konvenuti (1) jiġu dikjarati responsabbli versu lejhom tad-danni subiti minnhom minħabba negliġenza u traskuraġni tal-konvenuti, (2) u jiġu kundannati jħallsuhom, nofs kull wieħed, l-ammont li jiġi likwidat, jekk hemm bżonn b'opra ta' periti, a titolu ta' danni, u konsistenti dawn id-danni fil-bilanċ tas-somom mislufa u relattivi nteressi. Bl-imgħax fuq l-ammont hekk likwidat; u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-8 ta' Ottubru 1959, li biha rrespingiet id-domandi tal-atturi in kwantu diretti kontra l-konvenut Dr. Cauchi, bl-ispejjeż kontra l-istess atturi; iddikjarat li l-konvenut Nutar Azzopardi hu responsabbli għad-danni li setgħu sofrew l-atturi, bl-ispejjeż kontra l-imsemmi konvenut; laqgħet l-eċċezzjoni ta' dan il-konvenut, fis-sens li ddikjarat li d-domanda għall-ħlas tad-danni diretta kontra tiegħu ma tistgħax timxi mingħajr ma l-atturi jkunu qabel ippruvaw li Calcedonio Farrugia hu insolvibbli, u kwindi ma jistgħux jitħallsu minn għandu, bl-ispejjeż kontra l-atturi; u għal dan il-fini ssoprassediet f'din il-kawża, u ddifferietha "sine die" sakemm issir din il-prova; wara li kkunsidrat;

Illi l-atturi avanzaw din l-azzjoni fuq dawn il-pretensjonijiet. Bit-tliet kuntratti msemmijin fiċ-ċitazzjoni, fl-atti tan-nutar konvenut, huma silfu lil Salvatore Axisa s-somma komplessiva ta' £380, ċjoè £200, £80, u £100 f'kull kuntratt rispettiv. Wara l-effettwazzjoni ta' dawk il-kuntratti, huma saru jafu li l-mutwatarju li kien deher fuq dawk il-kuntratti ma kienx Salvatore Axisa, imma ċertu Calcedonio Farrugia, bniedem notorjament insolventi, u li minn għandu ma jistgħux jeżiġu l-ammont dovut lilhom, u kwindi ġew sofrew danni. Għal dawn id-danni huma responsabbli l-konvenuti; in-nutar Azzopardi, għaliex huwa ddikjara fuq it-tliet kuntratti li l-mutwatarju kien minnu magħruf, u l-Avukat Dr. Cauchi għaliex huwa kkonsulta dawk il-mutwi, ħa parti fihom bħala xhud, u tnejn minnhom ġew publikati fl-uffiċċju tiegħu;

Illi l-perit legali rrelata li l-atturi qegħdin f'din il-kawża jakkollaw fuq iż-żewġ konvenuti vera u proprja responsabbiltà "del fatto proprio", naxxenti mir-regoli tal-liġi li jgħidu li kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu; li jitqies fi ħtija kull minn f'għemilu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja; u li kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk. L-istess perit ikkonkluda li

l-konvenut Nutar Azzopardi għandu jwieġeb għall-ħsara li sofrew l-atturi, u li t-talba tal-atturi għandha tiġi milqugħa in kwantu diretta kontra l-konvenut Avukat Dr. Cauchi;

Illi għar-rigward tal-konvenut Nutar Azzopardi l-perit legali ssottometta li dan il-konvenut għandu jkun tenut responsabbli għad-danni lejn l-atturi, għaliex, għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel deni, huwa kiser dmir li-u mpost mil-liġi, u b'hekk l-atturi sofrew jew setgħu sofrew danni reali. Il-perit ġie għal din il-konklużjoni billi ssottometta li skond il-liġi, art. 26 u 28 Kap. 92, in-nutar għandu d-dmir preċiż li jiżgura ruħu personalment mill-identità tal-partijiet; diversament għandu jiżgura din l-identità bix-xhieda ta' żewġ "fidem facientes" minnu magħrufa, u dan jistgħu jkunu wkoll ix-xhieda tal-att; u li n-nutar għandu f'kull att jiddikjara li hu personalment ċert mill-identità tal-partijiet, jew jiżgura ruħu minn dik l-identità per mezz ta' "fidem facientes"; minn liema dispożizzjonijiet tal-liġi, fil-kontenut tagħhom, jidher ċar li n-nutar, fil-pubblikazzjoni ta' att, jidħol garanti quddiem il-liġi, tal-identità tal-persuni kumparenti fuq l-istess att;

Fit-tliet kuntratti fuq imsemmijin il-konvenut Nutar Azzopardi għażel li ma jinqedħiex bl-opra ta' żewġ "fidem facientes", iżda assuma r-responsabbiltà personali tal-identità tal-persuni fuq l-att minnu redatt u pubblikat, ċjoè li l-persuni li dehru u ffirmaw l-att kienu l-istess persuni li tagħhom fuq l-att stess inkitbu l-partikularitajiet li trid il-liġi. Għalhekk, darba li għażel din it-trieq, l-istess konvenut għandu jirrispondi quddiem il-liġi għall-fatt li fit-tliet kuntratti deher bħala mutwatarju Calcedonio Farrugia, ċjoè persuna differenti minn Salvatore Axisa, li tagħha tniżżlu l-partikularitajiet, u li tagħha l-imsemmi konvenut iddikjara ruħu personalment ċert mill-identità; u b'din il-kontravvenzjoni tal-istess konvenut ġiet faċilitata s-suppożizzjoni u s-sostituzzjoni ta' persuna f'att publiku — dak li l-liġi trid appuntu tipprevjeni bl-osservanza tar-regoli msemmija;

L-allegazzjoni tal-konvenut ġa msemmi, li ż-żewġ at-

turi kienu jafu l-persuna li dehret fuq il-kuntratt u rċeviet il-flus ma kienx Salvatore Axisa ma tirriżultax, anzi rriżulta li huma ma kienux jafu b'dan. Lanqas ma tirriżulta l-allegazzjoni tiegħu li huwa ppublika l-att fuq l-ordni tal-konvenut Auvkat Dr. Cauchi, li kien il-konsulent legali tal-mutwanti; u anki kieku kien hekk, dan ma kienx jiswa lill-konvenut, għaliex il-liġi timponi lilu, u mhux lill-konsulent legali ta' waħda mill-partijiet jew lix-xhieda tal-kuntratt, id-dmir li jiżgura ruħu personalment mill-identità tal-partijiet; liema dmir tant ma eżegwiehx li, kif xehed huwa, ma kellu ebda idea min kien il-mutwatarju. Lanqas hi ta' xi siwi lill-konvenut iċ-ċirkustanza minnu msemmija li fil-prattika ta' kuljum in-nutari mhux dejjem josservaw dan ir-rekwiżit tal-liġi, u li ħafna drabi jippublikaw l-att mingħajr ma jkunu personalment ċerti mill-identità tal-kumparenti u mingħajr ma jsejħu l-ajjut ta' żewġ "fidem facientes"; dan għaliex "adducere inconveniens non est solvere argumentum"; u l-liġi ma titlef xejn mis-saħħa tagħha billi ħafna jiksruha jew ma jagħtux każ tagħha;

Illi, għar-rigward tal-konvenut Avukat Dr. Cauchi, il-perit legali ssottometta li dan il-konvenut mhuwiex responsabbli tad-danni lejn l-atturi, u għandu jkun meħlus mid-domandi. Il-perit ġie għal din il-konklużjoni bil li ssottometta li fil-mutwi li taw lok għal din il-kawża l-inkarigu ta' dan il-konvenut kien li jara jikkonsultax jew le li jsir is-self fuq ir-riċerki li jagħmel dwar l-istat ipotekarju tal-mutwatarju, li huwa ma kienx jafu; u huwa għamel dawn ir-riċerki fuq il-partikularitajiet li tawh l-atturi permezz ta' Giuseppa Bezzina, li kienet is-sensala. L-atturi ma jikkontestawx bħala ħażin il-parir ta' dan il-konvenut dwar il-mutwi, jew aħjar dwar is-solvibbilità tal-persuna li ġiet minnhom indikata bħala mutwatarju, u kwindi huwa ma jistgħax jitqies responsabbli lejn l-atturi għal din ir-raġuni. Lanqas jista' dan il-konvenut jitqies responsabbli għar-raġuni li ħa parti bħala xhud f'dawk il-kuntratti, u li tnejn mill-istess kuntratti ġew publikati fl-uffiċċju tiegħu; mhux l-ewwel raġuni, għaliex bħala xhud l-imsemmi konvenut kien responsabbli biss li jara li jkunu osservati l-partiku-

laritajiet estrinseċi tal-publikazzjoni tal-att; mhux għarraġuni l-oħra, għaliex ebda argument, favur jew kontra l-imsemmi konvenut, ma jista' jitnissel mill-fatt li l-kuntratti, jew tnejn minnhom, ġew publikati fl-uffiċċju tiegħu;

Mhumiex serji u fondati l-asserzjonijiet tal-atturi: waħda minnhom, li dan il-konvenut, kontra r-rieda tagħhom, daħħalhom fil-kawża in re "Carmela Pullicino et. vs. Calcedonio Farrugia et." (ċitaz. nru. 556/53 pendenti quddien din il-Qorti, u li fuq talba tagħhom fit-8 ta' Frar 1956 ġiet differita "sine die") ; u l-oħra, li l-istess konvenut assuma r-responsabbiltà ta' kull ma sar billi, kif jidher middokument "Y" eżibit f'dik il-kawża, huwa ddikjara li ma jrid xejn mid-drittijiet f'dik il-kawża, u assuma wkoll li jħallas id-drittijiet talvolta dovuti lid-difensur li fl-istess kawża kien jidher għal Calcedonio Farrugia. Mhux l-aħħar waħda, għaliex din id-dikjarazzjoni weħedha mhix biżżejjed biex tinkolpa lil dan il-konvenut, apparti li l-istess hi ekwivoka u suxxettibbli ta' aktar minn interpretazzjoni waħda; u bħala rinunzja preventiva għall-onorarju ta' avukat hi nulla, u kwindi mhix tali li minnha jistgħu jitnisslu effetti ġuridiċi; mhux l-ewwel waħda, għaliex, apparti li dik il-kawża kienet ġiet preċeduta mill-ħruġ ta' mandat ta' impediment tal-partenza, fost oħrajn, kontra l-imsemmi Calcedonio Farrugia, u dan il-mandat ġie maħluf u konfermat mill-atturi, li b'hekk irratifikaw l-operat tal-imsemmi konvenut avukat tagħhom, tant fil-ħruġ tal-mandat kemm fil-ħruġ ta' l-att konsegwenzjali taċ-ċitazzjoni, hi ġurisprudenza kostanti ta' dawn it-tribunali li l-avukat ma għandux bżonn jipprova l-inkarigu li tah il-klijent, u hi biżżejjed l-allegazzjoni tiegħu fuq dan il-punt;

Illi din il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet raġġunti mill-perit legali u għalhekk taddottahom, għall-istess raġunijiet minnu sottomessi. Għalhekk hi tal-fehma li l-konvenut Avukat Dr. Cauchi mhux responsabbli għad-danni lamentati mill-atturi, u għall-istess danni hu responsabbli l-konvenut Nutar Azzopardi, għalkemm għall-ħlas tagħhom hu tenut biss jekk tikkonkorri l-prova li sejra tissemma:

Illi bin-nota tiegħu tal-11 ta' Marzu 1959 il-konvenut Nutar Azzopardi, mingħajr preġudizzju dwar il-kwistjoni jekk huwa huwiex jew le responsabbli għall-imsemmijin danni, jissottometti li l-azzjoni tal-attur għad-danni hija ntempestiva;

Rigward din l-eċċezzjoni jiġi osservat li l-ewwel debitur tal-atturi, kif huma stess jirrikonoxxu, hu l-imsemmi Calcedonio Farrugia; tant li, kif jinsab espost fid-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni, bl-imsemmija kawża huma ġa ntentaw azzjoni kontra Calcedonio Farrugia għad-danni minnhom lamentati f'din il-kawża. Fil-kors tar-relazzjoni tiegħu l-imsemmi perit, waqt li kien jirrelata dwar ir-responsabbiltà o meno tal-konvenut Avukat Dr. Cauchi, issottometa wkoll li kien neċessarju li l-atturi l-ewwel jeskutu s-sustanzi tal-ewwel debitur tagħhom, ċjoè Calcedonio Farrugia. Dan hu evidenti billi r-responsabbiltà tal-konvenut Nutar Azzopardi, kif irriżultat mill-provi, tidħol biss wara li jkun aċċertat li minħabba l-imprudenza u negliġenza tiegħu l-atturi sabu ruħhom preġudikati billi ġew jinsabu fl-impossibbiltà li jdaħħlu flushom, kollha jew in parti. minn għand Calcedonio Farrugia li rċevihom. Il-perit legali wasal għall-konklużjoni li l-konvenut Nutar Azzopardi hu responsabbli għad-danni lejn l-atturi, u għandu għalhekk iħallashom l-istess danni, wara li ssottomettali l-imsemmi Calcedonio Farrugia. kif irriżulta mill-provi, u kif ma ġiex kontestat mill-partijiet, mhuwiex solvibbli bħal ma kien ikun Salvatore Axisa, u għalhekk il-fatt tas-sostituzzjoni tal-persuna fuq dawk il-kuntratti, li ġrat bi ħtija tal-imsemmi konvenut, kien dannus għall-atturi mutwanti, billi huma ġew fl-impossibbiltà li jdaħħlu l-kreditu tagħhom minn għand il-mutwatarju li rċieva l-flus; u għalhekk, taħt dawn iċ-ċirkustanzi. l-istess konvenut għandu jkun tenut responsabbli għad-danni lejn l-atturi, bħala li huwa kiser dmir lilu mpost mil-liġi;

Però, kuntrarjament għal din is-sottomissjoni tal-perit, la mill-provi u lanqas minn xi dikjarazzjoni verbalizzata tal-partijiet f'din il-kawża ma jirriżulta li Calcedonio Farrugia mhuwiex solvibbli. Del resto, dawn il-provi u din id-dikjarazzjoni, anki kieku saru ma kienu jservu

għal xejn, ladarba ma sarux in kontestazzjoni tal-imsemmi Calcedonio Farrugia, li ma huwiex parti f'din il-kawża. Tajjeb, għalhekk, jissottometti l-konvenut Nutar Azzopardi li l-azzjoni għad-danni proposta mill-atturi f'din il-kawża hija ntempestiva. F'dan l-istadju, però, wara tant spejjeż li saru, din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tilli-bera "ab observantia", speċjalment in vista tal-fatt li l-atturi ġa ntentaw azzjoni kontra Calcedonio Farrugia; u "mutatis mutandis" jidhrilha li għandha ssegwi l-provvediment meħud mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju 1942, fil-kawża in re "Demajo vs. Azzopardi". B'dan il-mod l-atturi jkollhom l-opportunità jippruvaw l-insolvenza minnhom allegata ta' Calcedonio Farrugia, u f'dan il-każ ikun allura jista' jingħata segwitu għal din il-kawża, billi l-konvenut Nutar Azzopardi jiġi talvolta kundannat iħallashom id-danni li jirriżulta li huma sofrew minħabba l-aġir tiegħu illegali u bħala konsegwenza tal-insolvibbilità ta' Calcedonio Farrugia;

Rat in-nota tal-appell tal-atturi, u l-petizzjoni tagħhom, li biha talbu li dik is-sentenza tiġi riformata, billi tiġi konfermata fejn iddikjarat li l-konvenut Nutar Azzopardi hu responsabbli għad-danni li huma setgħu sofrew, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u tiġi revokata fejn laqgħet l-eċċezzjoni tal-istess konvenut u ddikjarat li d-domanda għall-ħlas tad-danni diretta kontra tiegħu ma tistgħax timxi mingħajr ma l-atturi jkunu qabel ippruvaw li Calcedonio Farrugia huwa insolvibbli, u kwindi ma jistgħux jitħallsu minn għandu, bl-ispejjeż kontra tagħhom, u fejn issoprassediet f'din il-kawża u ddifferietha "sine die" sakemm issir din il-prova, u jiġu konsegwentement milqugħin it-talbiet tal-atturi kontra n-Nutar Oscar Azzopardi, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Rat ir-risposta tal-konvenut Nutar Azzopardi, li wieġeb illi fil-parti appellata mill-atturi s-sentenza tal-Ewwel Qorti hi ġusta u tisthoqq konferma, u fl-istess ħin appella inċidentalment mill-istess sentenza in kwantu ddikjaratu responsabbli tad-danni li setgħu sofrew l-atturi, u talab li dik is-sentenza tiġi riformata, billi tiġi revokata fejn għamlet dik id-dikjarazzjoni kontra tiegħu, u jiġi

minflok dikjarat illi hu mhux responsabbli tad-danni lejn l-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom, u għalhekk it-talbiet tal-atturi jiġu miċħuda, bl-ispejjeż; salv illi, fil-każ ta' eżitu nfeliċi ta' dan l-appell inċidentali, is-sentenza appellata tiġi konfermata in kwantu laqgħet l-eċċezzjoni ta' intempestività sollevata minnu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Huwa ċar li għandu jiġi diskuss l-ewwel l-appell inċidentali, li jolqot il-meritu tas-sentenza appellata;

Fuq dan l-appell, ċjoè dwar ir-responsabbiltà għaddanni da parti tal-konvenut Nutar Oscar Azzopardi, din il-Qorti ma ssibx raġuni biex tiddiskosta ruħha mill-konklużjoni raġunata tal-perit ġudizzjarju adottata mill-Ewwel Onorabbli Qorti;

F'kull wieħed mit-tliet kuntratti ta' self in kwistjoni n-Nutar Azzopardi ddikjara li kien qed jidher quddiemu bħala l-mutwatarju Salvatore Axisa, bin il-mejtin George Axisa u Maria nee Mifsud, fil-kummerċ, imwieled u joqgħod iż-Żejtun, "minni nutar magħruf". Fil-fatt, il-persuna li kienet qegħdha tidher ma kienetx Salvatore Axisa, u d-dikjarazzjoni li l-persuna li kienet qegħdha tidher kienet "magħrufa" minn Nutar Azzopardi kienet inveridika;

Fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu fol. 13 in-Nutar Azzopardi stqarr ċar u tond illi lil Salvatore Axisa u lil Calcedonio Farrugia, li jippersonifikah, hu ma kienx jafhom. U meta xehed quddiem il-perit ġudizzjarju fit-28 ta' Ġunju 1957, l-istess Nutar qal illi, meta sar l-ewwel kuntratt u ppreżenta ruħu l-mutwatarju, hu ma kellu ebda idea min hu (fol. 109);

Issa, il-liġi hi ċara u kategorika fuq dan il-punt. Hi teżiġi illi n-nutar li jkun ser jippublika att ikun personalment żgur mill-identità tal-partijiet. Jekk dan ma jkunx il-każ, allura l-uniku mod kontemplat mil-liġi, li bih hu

jista' jaċċerta ruħu minn dik l-identità, hu permezz ta' żewġ "fidem facientes" minnu magħrufa. Dan hu obligu preċiż u gravi, impost mis-serjetà u l-importanza tal-atti publiċi, li lilhom il-ministeru tan-nutar jimprimi l-fidi publika. U huwa obligu mqiegħed fuq in-nutar personalment, li hu ma jistgħax jaħrab minnu taħt ebda pretest, billi jistrieħ fuq ħadd ieħor. Kif sewwa rrileva l-perit ġudizzjarju, per mezz ta' dan l-obligu l-liġi tirrendi lin-nutar garanti tal-identità tal-partijiet, "vale a dire, della effettiva corrispondenza delle persone comparse con quelle di cui nell'atto assumono le generalità";

Jekk in-Nutar Azzopardi, kif qal hu stess, "ma kellu ebda idea" min kienet il-persuna li kienet dehret quddiemu bħala mutwatarju, u "ma kienx jafha", obligu mprexxinidibbli tiegħu kien illi jiżgura ruħu mill-identità tagħha bil-mod preskritt mil-liġi. Il-fatt illi darb'oħra, qabel it-tliet kuntratti in kwistjoni, Calcedonio Farrugia kien deher f'kuntratt ieħor quddiem l-istess nutar u ppersonifika lil Salvatore Axisa, mhux talli ma jnaqqasx mir-responsabbiltà tal-istess nutar, iżda talli jkabbarha. Kieku n-nutar osserva sewwa d-dmirijiet tiegħu mill-ewwel, il-falsifikazzjonijiet posterjuri kienu jiġu evitati. Ir-ripetizzjoni tan-nuqqas tan-nutar ma tneħħix ir-responsabbiltà tiegħu għall-okkażjonijiet sussegwenti;

Tajjeb ukoll li tiġi sottolineata l-osservazzjoni magħmula mill-perit ġudizzjarju illi l-inosservanza fil-prattika tal-obligi mposti mil-liġi da parti ta' xi nutari ma tistgħax tiswa bħala skużanti bi'li "il-liġi ma titlef xejn mis-saħħa tagħha għax ħafna jiksruha jew ma jagħtux każ tagħha" (fol. 139);

Ikkunsidrat, fuq l-appell prinċipali tal-atturi;

L-ilment ta' dawn jirrigwarda l-kap tas-sentenza appellata li bih ġiet milqugħa l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut Nutar Azzopardi, u ġie dikjarat illi t-talba għall-ħlas tad-danni diretta kontra tiegħu ma tistgħax timxi l-quddiem mingħajr ma l-atturi jkunu qabel ippruvaw illi

Calcedonio Farrugia hu insolvibbli u huma ma jistgħux jitħallsu minn għandu;

Bir-rispett kollu, din il-Qorti ma taqbelx ma' din il-parti tas-sentenza appellata. Jirriżulta illi Calcedonio Farrugia hu msiefer, u ilu msiefer xi ħames snin. Hu ma għandu ebda proprjetà hawn Malta. Ħalla warajh mara b'sebgħat itfal, li ilhom ma jirċievu flus minn għandu xi tliet snin;

L-atturi kienu fil-fatt bdew proċeduri kontra Calcedonio Farrugia u kontra Giuseppa Bezzina; iżda meta raw illi minn għand dawn ma kellhomx possibbiltà raġjonevoli li jitħallsu, huma talbu biex dik il-kawża titħalla "sine die" u istitwew il-kawża preżenti;

Kien imiss lill-konvenut, jekk hu ried isostni l-eċċezzjoni tiegħu, illi jipprova li Calcedonio Farrugia hu solvibbli u li l-atturi jistgħu jitħallsu minn għandu; u din il-prova l-konvenut ma għamilhiex;

Għad illi l-eċċezzjoni tal-konvenut mhijiex strettament dik ta' eskussjoni, tista' bħala analoġija ssir riferenza għas-sentenza tas-"Supremo Magistrato di Giustizia" tad-9 ta' Lulju 1782, fil-kawża "Massimiliano Laferla vs. Tommaso Buttigieg", fejn intqal illi l-benefiċċju tal-eskussjoni "non ha luogo, . . . . quando è notorio che il debitore principale è insolvibile". Aktar, mbgħad, huwa rilevanti dak li ġie ritenut minn din il-Qorti fil-kawża "Camilleri vs. Monreal", Vol. IX, p. 100. fis-sens illi, skond il-prinċipji ġenerali stabbiliti għall-obligazzjonijiet sussidjarji, l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' preċedenti azzjoni kontra d-debitur prinċipali mhix ammissibbli "quando si tratti di un debitore principale notoriamente insolvibile o che in continenti e nello stesso giudizio si possa provare di essere insolvibile";

Għal dan il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi:—

1. Tiċħad l-appell inċidentali tal-konvenut Nutar Oscar Azopardi, u kwindi tikkonferma s-sentenza appellata

in kwantu rriteniletu responsabbli tad-danni li setgħu sofrew l-atturi, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

2. Tilqa' l-appell prinċipali tal-atturi, fis-sens illi tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut Nutar Azzopardi, u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu biha l-Ewwel Qorti ssoprassediet f'din il-kawża u ddifferietha "sine die" sakemm issir il-prova li Calcedonio Farrugia mhux solvibbli u l-atturi ma jistgħux jitħallsu minn għandu, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut; u tordna, minflok, illi l-kawża titkompla għall-eżami u deċiżjoni tat-tieni domanda tal-atturi fil-konfront tan-Nutar Oscar Azzopardi; u għal dan il-fini tirrinvija l-atti quddiem l-Ewwel Qorti.